

REGOLI STATUTORJI TAL-IRLANDA TA' FUQ

2023 Nru 168

traffiku fit-triq u vetturi

Ir-Regolamenti (Emendatorju) dwar il-Vetturi bil-Mutur
(Kostruzzjoni u Użu) (L-Irlanda ta' Fuq) 2023

Magħmula – – – –

11 ta' Ottubru 2023

Dħul fis-seħħ

13 ta' Novembru 2023

Id-Dipartiment għall-Infrastruttura^(a), jagħmel ir-Regolamenti li ġejjin fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija mill-Artikoli 55(1), (2)(a) u (6) u 110(2) tal-Ordni 1995^(b) dwar it-Traffiku fit-Toroq (l-Irlanda ta' Fuq) u issa vestiti fih^(c).

Kwotazzjoni u bidu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jiġu ċċitati bħala r-Regolamenti (Emendatorji) tal-2023 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Kostruzzjoni u Użu) (l-Irlanda ta' Fuq) u għandhom jibdew joperaw fil-13 ta' Novembru 2023.

Emenda tar-Regolamenti dwar il-Kostruzzjoni u l-Użu

2. — (1) Ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Kostruzzjoni u Użu) (l-Irlanda ta' Fuq) 1999^(d) huma emendati f'konformità mal-paragrafi (2) sa (5).

(2) Fir-regolament 2(2) (interpretazzjoni), fid-definizzjoni ta' "Regolament KEE, segwit minn numru", il-kliem "aktar minn żewġ ċifri" jiġu sostitwiti bil-kliem "punt segwit minn numru ieħor".

(3) Fir-regolament 30 (tagħbijiet tat-tajers u klassifikazzjonijiet tal-veloċità)—

(a) fil-paragrafu (7), il-kliem "iżda dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal tajer b'wiċċ ġdid" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "jew, fil-każ ta' tajer b'wiċċ ġdid, bir-rekwiżiti tar-Regolament KEE 108 jew ir-Regolament KEE 109."; u

(b) fil-paragrafu (12), fid-definizzjoni ta' "indiċi ta' kapaċità ta' tagħbija", "2.29" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "2 tar-Regolament KEE 30.02 jew ir-Regolament KEE 54, jew bħala "indiċi ta' tagħbija" fil-paragrafu 2 tar-Regolament KEE 108 jew ir-Regolament KEE 109;".

(4) Fir-regolament 32 (kundizzjoni u manutenzjoni tat-tajers)—

(a) fil-paragrafu (1)—

(i) il-kliem "Soġġett għall-paragrafi (2) sa (4)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Soġġett għall-paragrafu (1A) u l-paragrafi (2) sa (4)";

(ii) fis-subparagrafu (g)(ii) li titħassar "jew" fl-aħħar;

(iii) wara s-subparagrafu (h) tiddaħħal—

^a Dak li qabel kien id-Dipartiment għall-Iżvilupp Reġjonali; ara t-Taqsim 1(6) u (11) ta', u l-Iskeda 1 għall-Att tal-2016 dwar id-Dipartimenti (l-Irlanda ta' Fuq) (2016 c. 5 (N.I.)). Skont it-Taqsim 1(9) ta' dak l-Att, id-Dipartiment għall-Ambjent ġie xolt

^b S.I. 1995/2994 (N.I. 18); L-Artikolu 55 ġie emendat bl-Artikolu 42(1) tal-Ordni tal-2007 dwar it-Traffiku fit-Toroq (l-Irlanda ta' Fuq) (S.I. 2007/916 (N.I. 10))

^c Ara l-Artikolu 8(1)(b) ta', u l-Parti 2 tal-Iskeda 5 għall-Ordni tal-2016 dwar id-Dipartimenti (Trasferiment tal-Funzjonijiet) (l-Irlanda ta' Fuq) (S.R. 2016 Nru 76)

^d S.R. 1999 Nru 454; ir-Regolamenti emendatorji rilevanti huma S.R. 2011 Nru 20, S.R. 2011 Nru 303 u S.R. 2016 Nru 160

- “(i) it-tajer ma jkunx tajer b’wiċċ ġdid u—
- (i) il-ġimgħa tal-manifattura fuq ġenbu skont ir-Regolament KEE 30 jew 54 taqa’ aktar minn 10 snin qabel id-data li fiha l-vettura bil-mutur tintuża fit-triq; jew
 - (ii) ma għandux marka tal-ġimgħa tal-manifattura li tikkonforma mar-Regolament KEE 30 jew 54 (irrispettivament jekk kienx immanifatturat qabel ma r-Regolament KEE kien japplika jew le);
- (j) it-tajer huwa tajer b’wiċċ ġdid u—
- (i) il-ġimgħa tal-applikazzjoni tal-wiċċ ġdid immarkata fuq ġenbu skont ir-Regolament KEE 108 jew 109 taqa’ aktar minn 10 snin qabel id-data li fiha l-vettura bil-mutur tintuża fit-triq; jew
 - (ii) ma għandux marka tal-ġimgħa tal-applikazzjoni tal-wiċċ ġdid li tikkonforma mar-Regolament KEE 108 jew 109 (irrispettivament jekk ingħatax wiċċ ġdid qabel ma r-Regolament KEE kien japplika jew le); jew
- (k) data mmarkata fuq il-ġenb tat-tajer f’konformità mar-Regolament KEE 30, 54, 108 jew 109 ma tistax tinqara.”;
- (b) wara l-paragrafu (1) jiddaħħal il-kliem—
- “(1A) Soġġett għall-paragrafu (4)(a) u (ca), u minkejja kull ħaġa fir-regolament 30—
- (a) il-paragrafu (1)(i) u (j) japplika biss għal tajers imwahnha—
 - (i) ma’ fus ta’ quddiem ta’ karozza tal-linja li mhijiex minibus;
 - (ii) f’konfigurazzjoni singola fuq kwalunkwe fus ta’ minibus; jew
 - (iii) ma’ fus ta’ quddiem ta’ vettura tal-merkanzija b’piż gross massimu ta’ aktar minn 3.500 kg;
 - (b) fis-subparagrafu (a) —
 - (i) “fus ta’ quddiem” tfisser kwalunkwe fus, ’il quddiem mill-punt tan-nofs tax-xażi li fuqu r-roti huma kkontrollati mis-sistema tal-istering; u
 - (ii) “konfigurazzjoni singola” tfisser fejn mhux aktar minn assemblaġġ wieħed ta’ rota u tajer jiġi mmuntat fit-tarf tal-fus ikkonċernat; u
 - (c) il-paragrafu (1)(k) japplika biss għal—
 - (i) xarabanks (inklużi minibuses); u
 - (ii) vetturi tal-merkanzija b’piż gross massimu li jaqbeż it-3 500 kg.”;
- (c) fil-paragrafu (4)—
- (i) fis-subparagrafu (a), wara “(1)(a) sa (g)” jiddaħħlu l-kliem “u (i) sa (k)”;
 - (ii) wara s-subparagrafu (c) jiddaħħlu l-kliem—
 - (ca) Xejn fil-paragrafu (1)(i) sa (k) ma japplika għal vettura ta’ interess storiku użata għal skopijiet mhux kummerċjali, u għal dan il-għan “vettura ta’ interess storiku” tfisser vettura li d-Dipartiment iqis li hija ta’ interess storiku għall-Irlanda ta’ Fuq u li—
 - (i) kienet immanifatturata jew irreġistrata għall-ewwel darba mill-inqas 40 sena qabel;
 - (ii) hija ta’ tip li ma għadhiex fil-produzzjoni; u
 - (iii) tkun storikament ippreżervata jew miżmuma fl-istat oriġinali tagħha ma jkunux sarulha bidliet sostanzjali fil-karatteristiċi tekniċi tal-komponenti ewlenin tagħha, fejn “tip” fir-rigward tal-vettura jkollha l-istess tifsira bħal “tip ta’ vettura” fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi^{a)}”; u
- (d) fil-paragrafu (6)(a), fid-definizzjoni ta’ “disinn oriġinali tal-wiċċ ta’ barra” il-kliem “b’wiċċ ġdid”, fiż-żewġ postijiet li jidhru, jiġu sostitwiti bil-kliem “mogħtija wiċċ ġdid”.

^{a)} ĠU L 151, 14.6.2018 p. 1

(5) Fl-Iskeda 2, fit-tabella 2 (Regolamenti KEE), wara l-entrata relatata mal-punt 44 jiddaħħlu—

“45	108	108	23.6.98	Tajers b'wiċċ ġdid għall- karożżi tal- passiġġieri u t-trejlers tagħhom	—	—
46	109	109	23.6.98	Tajers b'wiċċ ġdid għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom	—	—

Issiġillat bis-Siġill Uffiċjali tad-Dipartiment għall-Infrastruttura fil-11 ta' Ottubru 2023



Chris Hughes
Uffiċjal għoli tad-Dipartiment tal-Infrastruttura

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

(Din in-nota mhijiex parti mir-Regolamenti)

Dawn ir-Regolamenti jemendaw ir-Regolamenti tal-1999 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Kostruzzjoni u Użu) (l-Irlanda ta' Fuq) sabiex jiġi previst kemm għandhom żmien it-tajers (inklużi t-tajers b'wiċċ ġdid), u l-leġibbiltà tal-marki tad-data fuq it-tajers, li jistgħu jintużaw fuq il-karozzi tal-linja (inklużi l-minibuses) u l-vetturi tal-merkanzija b'piż gross massimu li jaqbeż it-3.500 kg. Ir-Regolamenti jemendaw ukoll it-Tabella 2 tal-Iskeda 1 tar-Regolamenti tal-1999 biex jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tajers b'wiċċ ġdid fir-Regolamenti KEE 108 u 109. Dawn ir-Regolamenti jipprevedu eżenzjoni għal vetturi ta' interess storiku dment li ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali.

Dawn ir-Regolamenti ġew innotifikati lill-Kummissjoni Ewropea skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 (ĠU Nru L241, 17.9.2015, p 1) bin-numru ta' notifika 2023/7002/X1. Ma sar l-ebda kumment matul il-perjodu ta' waqfien ta' tliet xhur. Id-Direttiva hija disponibbli online fuq <http://eur-lex.europa.eu>

Ir-Regolamenti KEE jinħarġu mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti. Kopji tar-Regolamenti KEE msemija f'dawn ir-Regolamenti jistgħu jinkisbu mis-sit web tan-NUKEE: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29regs.html>. Kopji jistgħu jinkisbu wkoll minn Vehicle Policy Branch, Safe and Accessible Travel Division, Department for Infrastructure, Clarence Court, 10-18 Adelaide Street, Town Parks, Belfast BT2 8GB (posta elettronika: vehicle.standards@infrastructure-ni.gov.uk)

Ġew prodotti Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju u Memorandum ta' Spjegazzjoni li huma disponibbli minn Vehicle Policy Branch fl-indirizz ta' hawn fuq jew online flimkien ma' dan ir-Regola Statutorja fuq <http://www.legislation.gov.uk/nisr>